# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

15.12.2008 0107/2008

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Katerina Batzeli, Gérard Onesta, Vasco Graça Moura, Giovanni Berlinguer, Claire Gibault

dwar il-ħtieġa għal azzjoni konċertata fil-livell tal-UE biex tiġġieled traffikar ta' prodotti kulturali u tirritornahom lill-Istati Membri minn fejn kienu misruqa b'mod illegali

Data ta' skadenza: 2.4.2009

**0107/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħtieġa għal azzjoni konċertata fil-livell tal-UE biex tiġġieled traffikar ta' prodotti kulturali u tirritornahom lill-Istati Membri minn fejn kienu misruqa b'mod illegali**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-qafas legali attwali Komunitarju huwa limitat għad-deskrittiv, u jipprovdi għal kontrolli preventivi fuq esportazzjonijiet ta' prodotti kulturali barra l-UE mingħajr ma jippromwovi b'mod attiv il-ġlieda ta' traffikar ta' prodotti kulturali u r-ritorn sistematiku ta' teżori nazzjonali esportati illegalment lill-Istati Membri li minnhom kienu mneħħija,

B. billi hemm nuqqas sinifikattiv ta' azzjoni Ewropea konċertata,

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jippromwovu strateġija unika għal ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti kulturali b'miżuri prattiċi bħal twaqqif ta' simbolu Ewropew li jimmarka prodotti kulturali fi tranżitu, tfassil ta' reġistri pubbliċi komprensivi, ħolqien ta' dejtabase Ewropew għal prodotti kulturali misruqa. twaqqif ta' 'pjan ta' emerġenza' għal koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Interpol, u tfassil ta' dispożizzjonijiet legali li ma jħallux spazju għal perjodu ta' limitazzjoni ristrett rigward l-offiża ta' traffikar ta' prodotti kulturali;

2. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex imexxu fit-tfassil ta' qafas legali fil-livell Ewropew u internazzjonali, sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2010, għar-ritorn ta' prodotti kulturali li kienu esportati illegalment mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom, u biex jagħmlu dan bħala kwistjoni ta' prijorità immedjata fir-relazzjonijiet esterni tal-UE;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.